MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**DEMICOLI SAVIOUR LL.D.**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2002

Numru 896/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Stephen Micallef)**

**vs**

**ANGEL CIAPPARA**

**Illum 28 ta' Ottubru, 2002**

Il-Qorti.

Rat l-imputazzjoni li permezz tagħha Angel Ciappara ta' 20 sena, bin Chalie u Catherine nee' Ciappara, imwieled Pieta' fit-28 ta' Settembru, 1982, detentur tal-karta' l-identita' 527082 (M) u residenti "Villino Ciappara", Triq it-Tempesta, Qrendi ġie akkużat:-

Talli fit-28 ta' Ottubru 2002 għall-ħabta tat-08.30 a.m. ġewwa San Ġiljan bil-ħsieb li jikkommetti delitt u cioe' feriti ħfief fuq il-persuna ta' PC 921 David Sciberras, ta bidu

għal esekuzzjoni tad-delitt billi saq għal fuq l-imsemmi PC 921 David Sciberras, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u ndipendenti mill-volonta' tiegħu.

Akkużat ukoll talli fl-istess data, ħin u lok, attakka jew għamel reżistenza jew ħebb ta' xorta oħra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PS 1505 J. Micallef Engerer, PC 921 David Sciberras u PC 1476 Kevin Galea, persuni nkarigati skond il-Liġi minn servizz pubbliku, jew filwaqt li kienu qed jaġixxu għal esekuzzjoni tal-Liġi jew ta' ordni mogħtija mill-awtorita' kompetenti.

Akkużat ukoll talli fl-istess data, ħin u lok, irrifjuta li jagħti l-partikolaritajiet tiegħu lill-pulizija meta hekk ġiet mitlub.

Akkużat ukoll talli fl-istess data, ħin u lok, qal kliem faħxi li jikkonsisti f'dagħa fil-pubbliku u talli kiser il-bon ordni u l-paċi pubblika b'għajjat u ġlied.

Akkużat ukoll talli fl-istess data, ħin u lok, saq vettura NIG 006 b'manjiera traskurata u perikoluża.

Il-Prosekuzzjoni talbet l-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan.

Semgħet lill-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Stephen Micallef bil-ġurament dwar il-legalita' ta' l-arrest u dan biex taċċerta ruħha dwar tali legalita'.

Innutat li Dr Chris Borg għall-Imputat iddikjara li mhux kontestata l-legalita' ta' l-arrest.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali markat bħala Dok. PS1 u nnutat li l-Imputat ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet l-ammissjoni ta' l-Imputat u wissiet lill-istess Imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-tweġiba ta' ammissjoni ta' l-Imputat u għall-fini li tiġi segwita l-proċedura korretta tat lill-Imputat Angel Ciappara

ftit taż-żmien biex jekk irid jerġa’ lura mill-ammissjoni tiegħu u wara li l-Qorti reġgħet staqsiet lill-Imputat jekk iridx jikkonferma l-ammissjoni tiegħu jew jirtiraha, l-Imputat wieġeb li qed jammetti l-akkuża.

Semgħet trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, fosthom li l-Imputat ammetta f’dan l-istadju, li l-Imputat għandu fedina penali netta u li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara li l-Imputat ikkopera mal-Pulizija.

Rat l-art. 221(1), 41(1)(a), 31, 96(a), 338(ġ), 338(bb), 342 u 338(dd) tal-Kap. 9 u l-art. 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Illi fiċ-ċirkostanzi, l-Qorti ssib lill-Imputat Angel Ciappara, fuq ammissjoni ta’ l-istess Imputat, ħati ta’ l-akkużi kollha kif dedotti kontra tiegħu u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-Imputat Angel Ciappara għall-piena komplessiva ta’ sitt (6) xhur priġunerija u ħamsin Liri Maltin (Lm50) multa u tordna li din is-Sentenza nkwantu għall-piena ta’ priġunerija ma għandhiex tibda’ sseħħ ħlief jekk matul il-perjodu ta’ sena millum l-Imputat Angel Ciappara jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija u l-Qorti qed tagħti lill-Imputat Angel Ciappara l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A (4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Finalment il-Qorti, bl-applikazzjoni ta’ l-art. 15(2) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta’ Malta, tiskwalifika lill-Imputat Angel Ciappara milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien tlett (3) xhur millum.

**Ft/DR. SAVIOUR DEMICOLI LL.D.**
**Maġistrat**

Fiona Vella
Deputat Reġistratur